# Il-Kappella ta' San Nikola fil-Forti Ricasoli

*minn Lorenzo Zahra*

Fil-Fortizza maġġura tar-Ricasoli, f'nofs il-misraħ hemm Knisja wieqfa għaliha dedikata lil San Nikola. Din il-Knisja saret propju għas-servizz tas-suldati u familja li kienu jgħixu wkoll fil-Forti u qrib tagħha.

Interessanti li l-Knisja, minkejja li xi drabi kien jieħu ħsiebha l-Prijur tal-Ordni, kienet tagħmel mal-Kappillan jew Arċipriet tal-Birgu. Dan jidher ukoll mill-fatt li meta fl-1907 xi ħadd kien ta b'rigal lill-Kaptan tal-Fortizza l-kwadru ta' San Nikola, l-Arċipriet tal-Birgu pprotesta u l-kwadru baqa' fil-post. F'April 1940, Dun Ġorġ Cassar li kien għadu jieħu ħsieb il-Knisja, kien ikkunsenja kull ma kien hemm fil-Knisja lil Dun Gian Carlo Burlo' li kien il-Kaptan Militari.



*Il-Kappella ta' San Nikola, hekk kif tidher mill-misraħ li jinsab ġewwa l-istess Forti Ricasoli.*

Nafu wkoll li l-kwadri, kemm ta' San Nikola, kif ukoll dawk tal-ġnub, jiġifieri ta' Sant' Antnin u ta' San Ġwann Nipomoċenu, ittieħdu l-Mużew Nazzjonali. Iżda tant oġġetti oħra ma nafux x'sar minnhom. Naturalment, din il-Knisja kienet mgħammra b'tant oġġetti tant li kellha kalċi, pissidi, ċavetta tat-tabernaklu, ċensier u navetta kif ukoll relikwija fl-ostensorju ta' San Nikola, kollha affarijiet tal-fidda. Kellha wkoll gandlieri, pjaneti, kappep, tuniċelli, kanopej u wkoll ventartali. Kellha wkoll oġġetti tar-ramm. Kien hemm ukoll pulptu, konfessinarji, sedji, orgni żgħir, kotba tal-użu tal-Knisja, qanpiena tal-bronż fil-kampnar, kif ukoll statwa ta' San Nikola. Din tal-aħħar tinsab fil-Palazz tal-Inkwiżitur il-Birgu. Tant oġġetti oħra ma nafux fejn huma.

Qabel intemm din il-kitba nsemmi li fis-seklu 18, kien hemm jgħixu dawn il-familji skond l-iStatus Animarum tal-1781: familji ta' DeMartinez, Bellanti, Galea, Manuele, Darmenia, Mollett, Guillelmi, Barbara, Camilleri, Mamo, Mifsud, Micallef, Gonzi, Cauchi, Farrugia u Grech.

Referenzi: Status Animarum, 1781
AAM: Atti Ċivili, 1843/8